MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta ta' l-4 ta' Frar, 2011

Appell Kriminali Numru. 200/2009

**Il-Pulizija**
**(Spt. Carmelo Magri)**
**(Spt. Carlo Ellul)**
**Vs**
**Omissis**
**Silvio Camilleri**
**Omissis**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli b'diversi atti ukoll jew maghmulin fi zmienijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjonij tal-ligi u li gew maghmulin b'resoluzzjoni wahda u cioe':

Lil Silvio Camilleri u ***Omissis*** wehidhom talli fil-25 ta' Settembru 2007 ghall-habta ta'l-4.00 ta' wara nofsinhar mill-fond "Blue Marine Apartments", Flat 1, Triq San Gorg, San Giljan ikkommettew serq ta' zewg laptops tal-marka

“Hewlett Peckard” u “Gercom” kif ukoll apparat eletroniku u fotografiku iehor ghad-dannu ta’ Juan Miguel Ricard Bosqued u persuni ohra liema serq kien ikkwalifikat bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-elf Lira Maltin (Lm1000) u bil-lok.

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassru, ghamla hsara, jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, ghad-dannu tal-propjetarju ta’ l-imsemmi appartament, liema hsara tammonta ghal izjed minn hamsin lira Maltin (Lm50) izda ma tiskorrix il-hames mitt lira Maltin (Lm500).

Lil Reuben D’Amato u ***Omissis*** wehidhom, talli fil-1 ta’ Ottubru 2007 f’xi hin wara nofsinhar mill-fond “Seaview Apartments” Flat 10, Triq San Gorg, San Giljan ikkommettew serq ta’ zewg mobile phones tal-marka “Nokia” u “Samsung” kif ukoll oggetti ohra ghad-dannu ta’ Ismael Kutay Ozceker liema serq kien ikkwalifikat bil-mezz, bil-valur li ma jeccedix l-elf lira Maltin (Lm1000) u bil-lok.

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassru, ghamlu hsara, jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, ghad-dannu tal-propjetarju ta’ l-imsemmi appartament, liema hsara tammonta ghal izjed minn hamsin lira Maltin (Lm50) izda ma tiskorrix il-hames mitt lira Maltin (Lm500).

Lil Silvio Camilleri wahdu talli fil-5 ta’ Ottubru 2007 ghall-habta tas-6:00 ta’ filghaxija mill-kamra numru 2238 “garden View Complex”, Triq Sidra, Swieqi, ikkometta serq ta’ laptop tal-marka mhux maghrufa, apparat eletroniku u fotografiku ghad-dannu ta’ Pawla Lago Velasco u persuni ohra liema serq kien ikkwalifikat bil-mezz, bil-valur, li jeccedi l-elf lira Malitn (Lm1000) u bil-lok.

Lil Silvio Camilleri wahdu talli fl-istess data, u cirkostanzi, wara li kien ikkundannat f’Malta ghal serq jew ghal ricettazzjoni, nstab fil-pussess ta’ imfietah, imqabblin jew iffalsifikati, jew ghodod ohra tajbin ghal ftuh jew sgassar

ta’ serraturi, minghajr ma ta kont sodisfacenti ghal liema skop legittimu nstabu ghandu.

Lil Silvio Camilleri wahdu talli kiser il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta li gew imposti fuqu b’sentenza datata 4 ta’ Mejju 2005 mghotija mill-Magistrat Dr. Antonio Mizzi LL.D.

Lil Silvio Camilleri wahdu talli sar recidiv ai termini ta’ l-Artikoli 49, 50 u 289 (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

U finalment lil Reuben D’Amato, Silvio Camilleri u ***Omissis*** talli fl-istess dati u cirkostanzi, xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat, sew jekk sar f’Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b’kull mod li jkun, indahlu biex ibieghuhom jew imexxuhom.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-4 ta’ Gunju, 2009, li biha, wara li rat l-artikoli 17, 18, 49, 50, 261(b)(c)(e), 263(a)(b), 264(1), 265, 266, 267, 269(g), 278(1)(2)(3), 279(b), 280(1)(2), 281(1), 287, 289 u 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-artikoli 22 u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, fil-waqt li astjeniet milli tiehu konjizzjoni tad-disgha imputazzjoni (ossia dik indikata fil-paragrafu “g” tan-nota ghar-rinviju ghall-gudizzju), ssib lill-appellant **Silvio Camilleri** hati ta’ l-imputazzjonijiet l-ohra kollha u tikkundannah tlett (3) snin prigunerija. In oltre l-Qorti ttrattat ma’ l-appellant **Silvio Camilleri** ghar-reati li taghhom instab hati fl-4 ta’ Mejju 2005 b’mod li fil-waqt li kkonfermat is-sejbin ta’ htija kkundannatu tmien (8) xhur prigunerija ghal dawk ir-reati.

Il-Qorti ordnat lil Silvio Camilleri biex ihallas lir-Registratur ta’ din il-Qorti s-somma ta’ mitejn hamsa u ghoxrin Euro u tnejn u sebghin centezmu (235.72) rapprezentanti spejjez tal-esperti rinkorsi fl-atti tal-inkjesta li nzammet dwar is-serq mill-Blue Marine Apartments; il-hlas ghandu jsir fi zmien sitt xhur.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fis-16 ta' Gunju, 2009, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tvarja s-sentenza appellata fis-sens li tikkonfermaha in kwantu din astjeniet milli tiehu konjizzjoni tad-disa' akkuza (is-seba' akkuza kontra tieghu) u sabet lill-appellant hati ta' l-ewwel, it-tieni, it-tielet, ir-raba' w is-sitt akkuza, izda tirrevokaha in kwantu din sabitu hati tal-hames akkuza migjuba kontrih u ghaliha biss ikkundannatu ghal tmien xhur prigunerija, b'dan li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' din il-hames akkuza migjuba kontrih, tirrevoka l-kundanna ghal tmien xhur prigunerija minhabba l-htija tal-hames akkuza, w tvarja l-piena mposta in rigward ta' l-akkuzi l-ohra li taghhom instab hati ghar-ragunijiet gia msemmija. Tibqa' impregudikat il-posizzjoni taz-zewg akkuzati l-ohra.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant jikkonsistu fis-segwenti w cioe':-

1. Illi l-piena mposta dan mhux ghax ma taqax fil-parametri mposti mill-ligi, imma ghaliex ic-cirkostanzi ta' l-appelant jaghmluha haga ghaqlija li l-appellant jigi kkundannat ghal piena inqas severa, sew jekk qed nitkellmu fuq sentenza sospiza jew fuq riduzzjoni fiz-zmien li huwa ghandu jinzamm inkarcerat ir-ragunijiet huma :-

(i) Sfortunatament l-Ewwel Qorti interpretat il-fedina penali ta' l-appellant fis-sens li l-appellant inghata hafna opportunitajiet biex jirriabilita' ruhu izda huwa baqa' ghaddej jaghmel ir-reati. Kif anke xhedet ir-rapprezentanta tal-Caritas, l-appellant kien irriabilita' ruhu izda kellu relapse. Waqt dak ir-relapse, l-appellant ikkommetta numru ta' reati kollha intizi biex ikollu flus minn fejn jakkwista d-droga. L-isforz da parti ta' l-appellant kien sar, izda sab it-tentazzjonijiet u rega' waqa' fil-vizzju, mbaghad rega' beda jiggieled dan il-vizzju u jirrizulta li sejjer tajjeb;

(ii) Sfortunatament l-Ewwel Qorti anqas ma nnotat li l-appellant qieghed jaghmel program ta'

riabilitazzjoni f'Dar Sant'Anna, huwa qed jiskonta sentenza ohra, w lib l-addizzjoni ta' l-inkarcerazzjoni ordnata b'din is-sentenza huwa mhux ser ikun jista' jkompli l-istess program;
(iii) L-Ewwel Qorti anqas ma hadet in konsiderazzjoni tal-fatt li l-ufficjal prosekutur l-Ispettur Carlo Ellul ikkonferma li l-appellant mhux biss ammetta l-involviment tieghu u ghaddielu kull oggett misruq li kellu fil-pussess tieghu, talli "ivvolontarja ruhu biex imur fuq il-post u jaghtina l-kumplament ta' li seraq u fil-fatt wara gabilna computer …. Jiena minn Camilleri ghandi xi nghid li mieghi ikkoopera u gabli l-affarijiet lura"(folio 49-50). Anke l-Ispettur Carmelo Abdilla kkonferma li l-oggetti misruqa gew kollha ritornati (folio 201).

2. Illi s-sejba ta' htija tal-hames akkuza migjuba kontrih, u cioe' li kiser il-kundizzjonijiet ta' l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 li gew imposti fuqu b'sentenza datata 4 ta' Mejju, 2005 moghtija mill-Magistrat Dr. Antonio Mizzi.
Illi kif inghad fil-bidu ta' l-2008 l-appellant tressaq mill-Ispettur Carmelo Magri quddiem il-Magistrat Dr. Edwina Grima u gie akkuzat li kiser il-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest imposti fil-kawza odjerna w akkuzat li kiser il- kundizzjonijiet tas-sentenza hawn fuq imsemmija tal-4 ta' Mejju, 2005, huwa nstab hati w gie kkundannat 9 xhur prigunerija. Ghalhekk l-appellant gia gie punit ghar-reati li taghhom instab hat ibis-sentenza tal-14 ta' Mejju, 2005, u t-8 xhur ta' prigunerija ulterjuri li l-appellant gie kkundannat li jiskonta bis-sentenza hawn appellata jfisser li ghall-istess reati l-appellant gie kkundannat darbtejn.

Ikkunsidrat :

Dan l-appell ghandu zewg taqsimiet. Wahda illi tirrigwarda s-sejba ta' htija tal-hames akkuza migjuba kontra l-appellant Silvio Camilleri u l-ohra tirrigwarda l-piena.

Il-Qorti sejra l-ewwel tittratta l-ewwel ilment.

L-appellant qieghed jilmenta illi ma kellux jinstab hati tal-hames akkuza migjuba kontra tieghu u cioe` li kiser il-kondizzjonijiet tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 li gew imposti fuqu b'sentenza datata 4 ta' Mejju, 2005 moghtija mill-Magistrat Dr. Antonio Mizzi, dana l-ghaliex fil-bidu tal-2008 l-appellant kien tressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati u akkuzat li kiser l-istess il-kondizzjonijiet tal-helsien tal-arrest imposti fuqu bis-sentenza fuq imsemmija tal-4 ta' Mejju, 2005 u kien instab hati u kkundannat ghal disa' xhur prigunerija w ghalhekk ilmenta li ma' jistax jigi kkundannat darbtejn ghall-istess haga.

Fil-fatt l-Avukat Generali fir-risposta tieghu tah ragun u qabel li fil-fatt l-appellant kien diga' gie kkundannat ghal dak il-ksur mill-Qorti tal-Magistrati u ghalhekk ma kellux issa jinstab hati ukoll ta' din il-hames akkuza.

Il-Qorti ghalhekk stante dan il-qbil u wara li rat l-atti tal-process ukoll jidhrilha li l-appellant ma kellux jinstab hati tal-hames akkuza migjuba kontra tieghu peress li din l-akkuza kienet diga' ghaddiet in gudikat. Sa hawn l-appellant ghandu ragun u l-Ewwel sentenza timmerita li tkun riformata.

Ghal dak li jirrigwarda pero' t-tieni ilment tieghu l-appellant qieghed jghid illi qed isegwi programm ghal riabilitazzjoni kontra l-vizzju tad-droga w ma jkunx opportun illi f'dan l-istadju dan il-programm jigi interrot jew imwaqqaf.

Fl-istadju tal-appell l-appellant tellgha lil Manuel Scicluna jixhed favur tieghu. Dana informa lill-Qorti illi l-appellant minn jeddu mar San Blas u qed juri progress. Scicluna ma kienx jaf lill-appellant personalment pero' jaf li qed jikkoopera mal-awtoritajiet u fil-kaz ta' piena karcerarja jkun opportun li l-Qorti tirrakomanda li l-appellant ikompli bil-programm li huwa beda.

Id-difiza argumentat illi minkejja illi l-appellant ghandu fedina penali attiva hafna qed jaghmel sforz kbir sabiex jirriabilita' ruhu u jekk jinqata r-ritmu issa dan jista' jkun ta' dannu kbir ghalih.

Minn naha l-ohra l-Avukat Generali qal illi l-Ewwel Qorti kkunsidrat kollox anki l-fatt illi kien imur il-Caritas izda minkejja dan xorta waqa’ fil-vizzju.

Il-piena kienet fil-parametri tal-ligi u ghalhekk kellha tkun konfermata hlief il-hames akkuza rigward il-ksur tal-kondizzjonijiet tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ikkunsidrat :

Huwa minnu illi l-Ewwel Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fatt illi l-appellant Camilleri kellu erbgha w ghoxrin sena meta kkommetta r-reati meritu ta’ dan l-appell u sa dak inhar kien diga’ gie kkundannat diversi drabi ghal diversi reati n konnessjoni ma’ serq u droga.

Ikkunsidrat ukoll illi kellu diversi sentenzi fejn inghata opportunitajiet biex jirriabilita’ ruhu minghajr ma jiskonta piena karcerarja, pero’ jidher illi qatt ma ghamel uzu minn din l-opportunita’ li giet moghtija lilu.

F’din l-istanza ghal darba ohra, l-Qorti giet mitluba sabiex taghti opportunita’ ohra lill-appellant sabiex jirriforma ruhu u verament tinsab bejn haltejn ghandhix taghmel dan wara l-passat refrettarju tal-appellant.

Veru issa illi f’dan l-istadju jidher illi l-appellant qed jipprova jaghmel xi haga b’hajtu u skond id-difiza qed jaghmel sforzi kbar sabiex jirriabilita’. Pero` din il-Qorti ma tistax ma jkollhix is-suspetti illi dana kollu qed isir sakemm din il-kawza ghandha pendenti biex umbaghad jerga’ lura ghat-triq ta’ qabel dik ta’ serq u droga.

Ghalhekk, biex ma taghtix l-impressjoni illi xejn mhu xejn u li l-appellant jahseb li jkun heles mill-obbligazzjoni illi tkun giet imposta fuqu, jkun opportun illi filwaqt din il-Qorti tirriforma l-ewwel sentenza ghal dak li jirrigwarda sejba ta’ htija tal-hames akkuza tikkonferma l-kumplament bil-kawtela li l-appellant ikompli bil-programm.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' w tiddeciedi illi tilqa' in parte l-appell ta' l-appellant, tvarja s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati fis-sens li tikkonfermaha in kwantu din astjeniet milli tiehu konjizzjoni tad-disgha akkuza (is-seba' akkuza tieghu) u sabet lill-appellant hati tal-ewwel, it-tieni, t-tielet, ir-raba' w is-sitt akkuza izda tirrevokaha in kwantu din sabitu hati tal-hames akkuza migjuba kontrih u konsegwentement tirrevoka l-kundanna ta' tmin xhur prigunerija li ghaliha biss kien gie kkundannat u stante il-principju ta' *ne bis in idem* tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' din il-hames akkuza w filwaqt li tikkonferma l-piena imposta fir-rigward tal-akkuzi l-ohra illi taghhom l-appellant instab hati tirrakomanda illi dawn m'ghandhomx ikunu ta' xkiel ghall-appellant sabiex ikompli bil-programm ta' riabilitazzjoni illi huwa beda fic-centru residenzjali ta' San Blas u mill-bqija s-sentenza ghandha tigi konfermata inkluz l-ordni illi l-appellant ihallas is-somma ta' €235.72 rapprezentanti spejjez ta' l-esperti inkorsi fl-atti ta' l-inkjesta li nzammet wara s-serq mill-Blue Marine Apartments, liema hlas ghandu jsir fi zmien sitt xhur mill-lum.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------